MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 2453/1998/1

**Anthony Briffa u martu Marquita
Briffa ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Voest-Alpine Oilfield Service Limited
illum Vaos Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Novembru 1998, l-atturi ppremettew illi l-attur dahal f’kuntratt ta’ impieg ghal perjodu determinat mas-socjeta` konvenuta mill-1 ta’ Jannar 1998, b’terminu fil-31 ta’ Dicembru 1998, bil-paga ta’ mitejn dollaru Amerikan (US$200) kuljum, kopja tal-kuntratt annessa u markata Dok “A”; illi fit-12 ta’ Awissu 1998, is-socjeta` konvenuta unilateralment u abbusivament u minghajr ebda bazi fil-Ligi tterminat il-kuntratt ta’ impieg ta’ l-attur u kecciet lill-istess attur minghajr gustifikazzjoni fil-ligi, u dan in vjolazzjoni kontrattwali ta’ l-obbligi assunti taht il-kuntratt fuq imsemmi; illi ghalhekk l-attur sofra danni konsistenti fit-telf naxxenti mir-rexes ingustifikat tal-kuntratt imsemmi; illi s-socjeta` konvenuta nonostante interpellata diversi drabi sabiex thallas anke permezz ta’ l-ittri legali ta’ l-14 ta’ Awissu 1998 u tal-5 ta’ Settembru 1998 kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-14 ta’ Ottubru 1998 baqghet inadempjenti; dan premess, l-atturi talbu li dik il-Qorti:-

1) tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni kagunati lill-attur ghar-ragunijiet suesposti;

2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) u bir-riserva ta’ kull dritt fil-ligi. Is-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Illi b’nota pprezentata fit-23 ta’ April, 1999 is-socjeta` konvenuta eccepiet:-

1) Illi isem is-socjeta` konvenuta huwa Voest-Alpine Oilfield Service Limited, u mhux kif indikat mill-attur;

2) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante illi l-kuntratt ta’ impieg de quo gie terminat mis-socjeta` konvenuta ai termini ta’ l-istess

kuntratt, u ghal ragunijiet tajba u sufficjienti, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz, semai dan il-kaz ghandu jigi trattat barra mill-kuntest tal-ligi Maltija li tirregola l-impiegi, u senjatament Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi dan il-kuntratt mhuwiex wiehed regolat mill-ligi Maltija, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza tat-8 ta' Gunju 2004, li permezz taghha, wara li ddikjarat illi s-socjeta` konvenuta temmet l-impieg ta' l-attur qabel iz-zmien miftiehem u bi ksur tal-ligi, illikwidat d-danni li garrab l-attur fis-somma ta' tmintax-il elf dollaru Amerikan (US$18,000) u ikkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur daqskemm jiswew fi flus maltin tmientax-il elf dollaru Amerikan (US$18,000), flimkien ma l-ispejjez kollha tal-kawza. U dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:-
"Is-socjeta` konvenuta taghti servizz lill-klijenti taghha billi tipprovdilhom haddiema li, ghalkemm ikunu u jibqghu impjegati tal-konvenuta, jaghmlu x-xoghol tal-klijent taghha.

"L-attur kien wiehed minn dawn l-impjegati tal-konvenuta li kien jintbaghat jahdem il-Libja fl-interess ta' wiehed mill-klijenti tal-konvenuta. Kien ilu impjegat mal-konvenuta (li, fil-bidu, kienet inkorporata fl-Awstrja izda, fiz-zmien relevanti ghal dan il-kaz, kienet inkorporata f'Malta) sa mill-1990. kellu kuntratt ta' impieg mal-konvenuta ghal sena izda kull sena kien jiggedded ghal sena ohra. Il-kuntratt relevanti ghal din il-kawza kien bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Dicembru 1998. Dan iz-zmien huwa regolat bis-seba' (7) patt tal-kuntratt, li fil-parti relevanti jghid hekk:

7. <u>DURATION AND TERMINATION OF AGREEMENT.</u>

a. This agreement will be effective from 01.01.1998 and remain valid until 31.12.1998.

It will be possible to prolong the contract by mutual agreement. Within the first month, the Employer will be entitled to terminate the agreement with immediate effect without giving reason. However, both parties will have the right to terminate this agreement at one month’s notice. In the case of severe misdemeanour, the Employee will be dismissed forthwith.[1]

“L-attur kien jahdem ciklu ta’ erba’ gimghat fil-Libja u jkollu gimghatejn franki f’Malta qabel ma jerga jmur il-Libja ghal erba’ gimghat ohra. Fil-granet ta’ xoghol kien jithallas mitejn dollaru (US$200) kuljum, u kien jithallas ukoll ghal jumejn biex jivvjagga kull turn, *i.e.* ghal jum ta’ vjagg meta jispiccaw l-erba’ gimghat biex jigi lura Malta, u ghal jum iehor ta’ vjagg fit-tmiem il-gimghatejn franki biex jerga’ jmur il-Libja. Matul il-gimghatejn franki ma kienx jithallas.

“Ghalkemm il-kuntratt ma jghid xejn dwar hekk, kienet il-prassi ta’ l-impjegati tal-konvenuta, fosthom l-attur, illi meta jkunu gejjin mil-Libja jew sejrin ‘l hemm minn pajjizhom, igorru maghhom korrispondenza bejnl-ufficcju tal-konvenuta fil-Libja u dak ta’ pajjizhom, fil-kaz ta’ l-attur l-ufficcju ta’ Malta.

“Il-konvenuta tghid illi dan kien obbligu ta’ l-impjegati, izda l-attur ighid illi ma kiex marbut jaghmel dan ix-xoghol ta’ garr ta’ korrispondenza, u kien jaghmlu biss bir-rieda hielsa tieghu. Fil-fatt, mix-xhieda ta’ Christian Wintersgaiter, *managing director* tal-konvenuta, fis-seduta tas-6 t’April 2000, hareg illi d-dmirijiet ta’ xoghol ta’ l-attur kienu biss fil-Libja, u ma kellux dmirijiet f’Malta[2].

“Kien hemm zewg episodji meta, minhabba f’din il-kwistjoni tal-garr ta’ korrispondenza, inqala dizgwid bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta. L-ewwel episodju nqala’ meta l-attur, wara li lesta t-turn ta’ xoghol fil-Libja, wasal Malta nhar l-Erbgha tard filghaxija b’xi korrispondenza u

[1] Fol. 6.
[2] Foll. 27 et seq.

ma lahaqx jehodha l-ufficcju tal-konvenuta dakinhar. L-ghada l-Hamis ma setax imur ghax kellu xi impenji personali; talab lill-konvenuta biex tibghat lil xi hadd ghandu biex ighaddilu l-korrispondenza izda l-konvenuta ma riditx. Eventwalment l-attur wassal il-korrispondenza t-Tnejn ta' wara.

"Minhabba f'dan l-episodju l-attur inghata ordni biex jikkonsenja l-biljett tal-vjagg lura lejn il-Libja[3]. L-attur fehem illi, ladarba kellu jrodd il-biljett, ma kienx sejjer jerga' jintbaghat il-Libja u ghalhekk kien intemmlu l-impjieg. Wara li kellem lil wiehed mid-dirigenti, izda, u fissirlu x'kien gara, is-sitwazzjoni ikkalmat u l-attur kompla fix-xoghol mal-konvenuta.

"It-tieni episodju sehh fit-13 ta' Lulju 1998, meta l-attur kellu jmur lura Tripli minn Malta. Intalab igorr xi korrispondenza izda, billi kien ga mghobbi, talab illi jiehu biss dak li kien urgenti. Lill-konvenuta dehrilha illi r-rifjut ta' l-attur li jgorr il-korrispondenza kollha kien kaz ta' ksur tar-regolamenti taghha, u li ghalhekk ma kellhiex izzommu aktar impjegat maghha. Fid-19 ta' Lulju 1998 baghtitlu ittra[4] biex ittemmlu l-impjieg u din l-ittra, fost hwejjeg ohra, tgghid hekk:

"As per instruction from our Head Office Malta, we regret to inform you that VOEST-ALPINE OILFIELD SERVICE LTD terminate your contract as per Article 7.a of our Agreement with one mont notice, due to your violation of the company regulations/rules.
As per your rotation schedule, your last working day will be the 12th August 1998.

"Skond il-ligi tal-Libja li tirregola l-impjiegi, il-*Labour Law* ta' l-1 ta' Mejju 1970, biex min ihaddem ikun jista' jkecci haddiem qabel iz-zmien stipulat, irid juri li sehhet wahda mill-kondizzjonijiet elenkati fl-artikolu 51 ta' dik il-ligi. Relevanti ghall-kaz ta' l-attur huma l-paragrafi 3,4 u 6 ta' l-art. 51 li jghidu illi min ihaddem jista' jkecci lill-haddiem f'dawn il-kazijiet:

---

3 Fol. 69.
4 Fol. 76.

3. If the worker commits a fault which leads to grave material loss to the employer, provided that the employer should report the incident to the Labour Office concerned during three days from being aware of the occurrence of the incident.

4. If the worker does not observe the regulations related to the safety of worker[s] or the place of work, despite written warning, on condition that these instructions should be in writing and posted in a prominent place and that the employer should notify the labour office concerned with a copy of the warning addressed to [the] worker.

6. If the worker does not perform his basic obligations stated in the labour agreement.

"Il-qorti hija sodisfatta illi ma sehhet ebda wahda minn dawn il-kondizzjonijiet. Li jgorr il-korrispondenza, ukoll jekk kienet obbligazzjoni ta' l-attur, zgur ma kinitx wahda mill-"*basic obligations*" tieghu, u lanqas ingiebet prova li din l-obbligazzjoni tohrog minn xi regolament li kien pubblikat f'post prominenti bil-miktub, u lanqas ma ngiebet prova illi, minhabba n-nuqqas ta' l-attur li jgorr il-korrispondenza, il-konvenuta garrbet xi telf materjali kbir.

"Ghalhekk, ma kien hemm ebda raguni illi, skond il-ligi li tirregola l-kaz, kienet tajba u bizzejjed biex jintemm l-impjieg ta' l-attur qabel il-waqt.

"Tassew illi, skond il-para. 7.a tal-ftehim, il-konvenuta setghet ittemm l-impjieg ta' l-attur qabel il-waqt mhux biss fil-kaz ta' "*severe misdemeanour*", meta setghet ittemmlu l-impjieg minnufih, izda wkoll billi taghtih avviz ta' xahar minn qabel, ukoll minghajr raguni. Madankollu, skond il-parir ta' l-espert fil-ligi tal-Libja moghtija mill-Avukat Sedeek A. Mesrati, avukat fil-qrati libici, kuntratt ghal zmien determinat seta jintemm biss ghar-ragunijiet elenkati fl-art. 51, u dan ifisser illi ftehim li jzid ma dawk ir-ragunijiet – bhal stipulazzjoni li min ihaddem jista' jtemm l-impjieg bla raguni b'avviz ta' xahar – ma tiswiex.

“Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta` konvenuta kisret il-ligi meta temmet l-impjieg ta’ l-attur qabel iz-zmien miftiehem.

“Naraw issa x’kumpens ghandu jinghata lill-attur.

“Skond pair ta’ l-espert l-attur ghandu jinghata l-hlas li kien jiehu sa meta jintemm l-impjieg, u kumpens ghal danni morali u materjali.

“Mix-xhieda hareg illi s-socjeta` konvenuta stess ghenet biex l-attur ikun jista’ jkompli jaghti s-servizzi lill-klijent taghha ghalkemm bhala impjegat ta’ terzi. Ghalhekk ghaz-zmien li kien fadal biex jintemm il-kuntratt, l-attur ma garrabx danni, la morali u lanqas materjali, u l-qorti hija tal-fehma illi lill-attur ma ghandu jinghata ebda kumpens iehor barra l-hlas li kien jiehu sal-31 ta’ Dicembru 1998 li kieku ma ntemmlux l-impjieg mal-konvenut.

“L-incident tal-garr tal-posta kien sehh fit-13 ta’Lulju 1998, meta l-attur kellu jivvjagga lejn il-Libja, u dan ifisser illi t-turn tax-xoghol kellu jibda mill-ghada l-14 ta’ Lulju 1998. It-turn ta’ erba’ gimghat kellu ghalhekk jispicca fil-11 ta’ Awissu 1998, u l-attur kellu jithallas ukoll ghat-12 t’Awissu 1998, meta kellu jivjagga lura lejn Malta. Imbaghad kellu gimghatejn franki bla hlas, sas-26 t’Awissu 1998. Li kieku l-impjieg ma ntemmlux, kien imissu l-ewwel jum bi hlas fis-27 t’Awissu 1998, meta kellu jivvjagga lejn il-Libja. Li rridu naraw mela hu kemm il-jum bi hlas kien ikollu mis-27 f’Awissu 1998 sal-31 ta’ Dicembru 1998.

“Bejn dawk iz-zewg dati hemm mija u sitta u ghoxrin (126) jum. Ciklu ta’ xoghol u frank jiehu erbgha u erbghin (44) jum – tmienja u ghoxrin (28) jum xoghol bi hlas, jumejn (2) ghall-ivvjaggar bi hlas, u erbatax-il (14) jum frank bla hlas – u ghalhekk kien fadal zewg cikli shah u tmienja u tletin (38) jum illi minnhom (ladarba bdejna nqisu mill-bidu tal-parti mhallsa tac-ciklu) l-attur kien jithallas ghall-ewwel tletin (30) jum.

“L-attur ghalhekk, sal-31 ta’ Dicembru 1998, kien fadallu tliet perijodi ta’ tletin (30) jum kull wiehed bi hlas, b’kollox

disghin (90) jum. Bi hlas ta’ mitejn dollaru Amerikan (US$200) kuljum, l-attur ghandu jiehu tmientax-il elf dollaru Amerikan (US$18,000).”

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b’rikors intavolat fit-28 ta’ Gunju 2004, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tannulla u thassar is-sentenza imsemmija u tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-istess socjeta` appellanti filwaqt li tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

L-atturi ghamlu risposta ghar-rikors ta’ l-appell tas-socjeta` konvenuta kif ukoll **appell incidentali** fejn talbu illi s-sentenza tigi konfermata in kwantu sabet li s-socjeta` konvenuta temmet l-impjieg ta’ l-attur qabel iz-zmien miftiehm u bi ksur tal-ligi u tvarjaha in kwantu zzid l-ammont ta’ danni likwidati kif suespost u mitlub u taghti imghaxijiet mill-prezentata tac-citazzjoni.

L-aggravji mressqa mis-socjeta` konvenuta appellanti huma basikament tlieta u cioe`:-
a) In-nullita` tas-sentenza billi tikkozza kontra l-principju tal-*audi alteram partem* inkwantu bazata fuq prova tal-ligi libika provduta mill-kontro parti, wara li kien inghalaq li stadju tal-provi u minghajr ma din il-prova ma ngiebet a konjizzjoni tal-istess socjeta` appellanti. Oltre dan qed tigi rilevata l-irritwalita` tal-prova tal-ligi libika nkwantu din tressqet mhux mill-parti li kienet issollevat l-eccezzjoni izda mill-parti avversa, f’liema kaz il-Qorti ma kelliex tiehu konjizzjoni taghha u konsegwentement tapplika l-*lex fori.*

b) Fil-mertu li in atti hemm provi sodisfacjenti li juru li kien hemm ksur tal-obbligazzjonijiet assunti mill-attur fl-impjieg tieghu.

c) Finalment dwar il-*quantum* tad-danni billi qed jigi suggerit li l-attur, bl-intervent tas-socjeta` konvenuta, ma baghta ebda telf.

Fl-appell incidentali ta’ l-atturi l-aggravji jikkoncernaw-
a) Il-*quantum* tad-danni billi qed jigi sottomess li l-attur kellu jigi kumpensat ghad-danni morali oltre dawk direttament relatati mal-kuntratt.

b) Il-kundanna ghal hlas tal-imghaxijiet fuq l-ammont likwidat billi qed jinghad li dawn, essendo li d-danni kienu ragonevolment likwidabbli, ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

**Ikkunsidrat:-**

**Dwar l-applikazzjoni tal-ligi libika.**

Ezaminati l-atti u tenut kont tal-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta dwar liema ligi ghandha tirregola r-relazzjonijiet ta’ bejn il-kontendenti, liema eccezzjoni giet milqugha b’sentenza preliminari tal-15 t’April, 2002 meta gie deciz li hija l-ligi tal-Libja li ghandha tirregola din ir-relazzjoni, din il-Qorti ma tara ebda sens fis-sottomissjonijiet rigwardanti dan l-aggravju, specjlament meta fir-rikors ta’ l-appell ma tressqet ebda prova li l-ligi li giet applikata kienet wahda skorretta jew li l-interpretazzjoni taghha ma kinitx skond l-gurisprudenza tal-pajjiz fejn dik l-istess ligi kienet tipprevali.

Huwa minnu li prova ta’ ligi ta’ pajjiz barrani trid tingieb mill-parti li tkun ressqet l-eccezzjoni izda fil-kaz in ezami jirrizulta li l-istess socjeta` konvenuta, moghtija din il-possibilita` wara s-sentenza preliminari, naqset li taghmel dan u ghalhekk l-attur, anke fl-interess tal-ispeditezza tal-gudizzju, kien fid-dmir li jressaq tali prova u, inoltre, mill-atti jirrizulta li l-istess socjeta` konvenuta kienet a konjizzjoni ta’ din il-prova. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

**Dwar it-terminazzjoni tal-impjieg.**

Qed jigi sottomess li l-impjieg tal-attur gie terminat ghal raguni valida billi dan naqas milli jezegwixxi obbligi assunti minnu bhala parti mill-impjieg tieghu u cioe` li jittrasporta l-posta tal-kumpannija minn l-ufficcju taghha f'Malta ghal dak fil-Libja jew vice versa. Huwa minnu li l-ewwel qorti wasslet ghall-konkluzzjoni li l-attur kien fid-dmir li jirrendi dan is-servizz ghalkemm dik il-Qorti hasset li dan in-nuqqas ma kienx ta' dik is-severita` li jiggustifika t-terminazzjoni tal-impjieg. Izda minn qari tal-kuntratt tal-impjieg tal-attur din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-obbligu ma kienx jinkombi l-attur billi dan jispecifika espressament li "*the Employee is prepared to render services as* <u>*ENGINEERING COST CONTROLLER*</u>" (sottolinear tal-Qorti) fil-Libja, liema kariga certament ma tikkonprendix l-obbligu ta' l-attur li jaghmilha ta' *postman* billi jgorr il-posta u konsegwentement fl-assenza ta' kliem specifiku dwar dan l-obbligu ma tistax is-socjeta` konvenuta tippretendi li nuqqas totalment estraneu ghad-dmirijiet kontemplati fil-kuntratt jigi kunsidrat bhala nuqqas ghal fini tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Dwar id-danni qed jigi sottomess li l-*quantum* likwidat mill-ewwel Qorti "*bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jsib xi korrellazzjoni mar-realta` jew ma xi danni illi l-attur appellat seta' sofra per konsegwenza ta' tali terminazzjoni.*" Dan qed jinghad billi, skond is-socjeta` konvenuta appellanti, l-attur ma sofra ebda telf inkwantu wara t-terminazzjoni tal-impjieg ta' l-attur minn mas-socjeta` konvenuta din l-istess socjeta` ghamlet mezz li l-attur jkompli jahdem fil-Libja ma' l-istess socjeta` li maghha kien jahdem precedentement.

Din il-Qorti izda ma tistax taccetta dan l-argument billi l-azzjoni odjerna hija marbuta mal-kuntratt ta' impjieg ezistenti bejn l-kontendenti u l-konsegwenzi tar-riziliment tieghu. Mhux kontestat li l-kuntratt ta' l-impjieg ta' l-attur kien jikkontempla perijodu ta' sena bil-beneficcji hemm imsemmija; ghalhekk la darba l-impjieg gie terminat minghajr raguni valida l-attur kellu kull dritt li jagixxi ghal

dak it-telf li ssubixxa minhabba dik it-terminazzjoni ingusta u cioe` ghas-salarju li kien jippercepixxi f'dak il-perjodu li kien ghad fadal tal-kuntratt ta' impjieg. Dan, naturalment, indipendentement minn kull kunsiderazzjoni ohra dwar jekk fil-perjodu rimanenti tal-kuntratt l-attur sabx xoghol iehor. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifika.

**Dwar l-appell incidentali:**

Kif gia` inghad hawn fuq l-appell incidentali mressaq mill-attur jikkoncerna kemm l-*quantum* tad-danni likwidati kif ukoll l-komputazzjoni tal-imghaxijiet fuq l-ammont akkordat bhala danni mill-ewwel Qorti.

Dwar il-*quantum* qed jinghad li l-ewwel Qorti naqset li tikkumpensa lill-attur ghal dawk id-danni morali konsegwenza tat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu u liema danni huma permessi mil-ligi libika. In effetti qed jinghad li l-attur ghandu jigi kumpensat ghal certi inkonvenjenzi bhal ma huma "*bdil ta' zewg employers fi zmien sentejn, ritard fis-salarji, l-iskomodu u l-incertezza li jerga' jibda ma' employer gdid u disruption.*" Din il-Qorti, izda, tenut kont ta' kif marru l-affarijiet, hija tal-fehema li l-attur mhux intitolat ghal ebda kumpens oltre dak li gie akkordat mill-ewwel Qorti u dana ghas-semplici raguni li wara li gie lilu terminat l-impjieg kienet l-istess socjeta` konvenuta li ghamlet l-almu taghha biex tassigura li l-attur ma jbati ebda telf tant hu hekk li rrangjat li l-attur jkompli jahdem mal-istess socjeta` fejn qabel kien jirrendi s-servizzi tieghu ghalkemm precedentement tramite l-istess socjeta` konvenuta. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda "*disruption*" jew "*incertezza*" li seta' hass l-attur. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi skartat.

Dwar il-komputazzjoni ta' l-imghaxijiet fuq is-somma akkordata in linea ta' danni din il-Qorti ma tarax li jista' jkun hemm xi gustifikazzjoni fit-talba ta' l-attur li dawn jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza billi jidher car mill-mod kif inhi maghmula t-talba attrici li hawn si tratta dwar danni li kellhom jigu likwidati mill-Qorti u ma saret ebda talba ghal ammont determinat. Huwa principju ormai assodat fis-

sistema legali nostrana li l-imghax ghandhom jigi akkordati minn dakinhar li l-ammont dovut jigi determinat. Dan l-aggravju qieghed ukoll, ghalhekk, jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti filwaqt li tichad l-appell principali tas-socjeta` konvenuta, kif ukoll dak incidentali mressaq mill-atturi, tikkonferma s-sentenza appellata fit-totalita` taghha u tordna li kull parti thallas l-ispejjez relativi ghall-appell minnha interpost.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------